## P7_TA(2013)0273

## It-tieni emenda tal-Ftehim ta' Cotonou tat-23 ta’ Ġunju 2000 ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta’ Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta’ Ġunju 2005 (16894/2011 – C7-0469/2011 – 2011/0207(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (16894/2011),

– wara li kkunsidra l-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta’ Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussembrugu fil-25 ta’ Ġunju 2005 (09565/2010)[1],

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 217 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7–0469/2011),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0110/2013),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jesprimi r-riservi fermi tiegħu dwar partijiet mill-Ftehim li ma jirriflettux il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-valuri tal-Unjoni;

3. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha biex jirrevedu kif xieraq il-klawsoli mhux sodisfaċenti matul it-tielet reviżjoni tal-Ftehim, inkluża l-introduzzjoni espliċita tan-nondiskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali fl-Artikolu 8(4);

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u l-membri tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku.

---

[1] ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3.